DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 4/2009

tal-5 ta' Frar 2009

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 98/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/5/KE tat-30 ta' Jannar 2008 rigward l-indikazzjoni obbligatorja fuq it-tikketti ta' ċerti prodotti tal-ikel ta' dettalji minbarra dawk li taħseb għalihom id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (verżjoni Kodifikata) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/802/KE tal-4 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/840/KE rigward il-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għall-irradjazzjoni tal-ikel ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/196/KE tat-28 ta' Marzu 2007 dwar is-sorveljanza tal-preżenza ta' furan fil-prodotti tal-ikel ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva 2008/5/KE tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/54/KE ([5]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kapitoli XII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test ta' punt 54zc (id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/54/KE) għandhu jitħassar.

(2) L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zze (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/840/KE):

"— **32007 D 0802**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/802/KE tal-4 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 40)."

(3) Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 54 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE):

"54zzzw. **32008 L 0005**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/5/KE tat-30 ta' Jannar 2008 rigward l-indikazzjoni obbligatorja fuq it-tikketti ta' ċerti prodotti tal-ikel ta' dettalji minbarra dawk li taħseb għalihom id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (verżjoni Kodifikata) (ĠU L 27, 31.1.2008, p. 12)."

([1]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 19.
([2]) ĠU L 27, 31.1.2008, p. 12.
([3]) ĠU L 323, 8.12.2007, p. 40.
([4]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 56.
([5]) ĠU L 300, 23.11.1994, p. 14.

(4) Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 63 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE):

"64. **32007 H 0196**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/196/KE tat-28 ta' Marzu 2007 dwar is-sorveljanza tal-preżenza ta' furan fil-prodotti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 56)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2008/5/KE, id-Deċiżjoni 2007/802/KE u r-Rakkomandazzjoni 2007/196/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Frar 2009, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.